# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 49/2019 RM**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Ezekuttiva numru 292/19 fl-ismijiet:**

**Awtorita` Tal-Ippjanar**

**-vs-**

**Cenmed Limited (C 453)**

**Illum, 27 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Cenmed Limitedipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Marzu 2019 fejn gie premess u mitlub:-

1. Illi permezz ta' dan ir-rikors s-socjeta' rikorrenti qeghda topponi ghal talba li saret mill-Awtorita' tal-Ippjanar fl-ittra ufficjali ezekuttiva numru 292/2019;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti kienet dejjem oggezzjonat ghal dawn l-kontijiet stante li hija mihiex s-sid ta' din l-art, jew l-okkupant ta' din l-istess bicca art;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal din l-opposizzjoni, s-socjeta' rikorrenti kienet qassmet dawn l-ispejjez bejn s-sub enfitewti li ghandhom l-boathouse f'din l-arja u wara li rceviet xi hlasijiet, kienet baghtet dak li rceviet lill-Awtorita' tal-Ippjanar;

4. Illi minbarra dan, s-socjeta' esponenti kienet baghtet lill-Awtorita', lista bl-ismijiet ta' dawk s-sub enfitewti li kienu hallsu;

5. Illi ghalhekk s-socjeta' esponenti kienet baghtet parti mill-ammont dovut lill-Awtorita', hija ma kienitx accettat dan l-hlas u ghalhekk s-socjeta' esponeneti permezz ta' cedola numru 1050/2014, kienet ddepozitat l-ammont taht l-Awtorita' ta' din il-Onorabbli Qorti – Dok A;

6. Illi ghalhekk stante dak premess, s-socjeta' rikorrenti qeghda titlob lil din il-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-pretensjoni tal-Awtorita' hija infondata.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanaripprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-15 ta' April 2019 fejn gie eccepit:-

Illi r-rikors ta' Cenmed Ltd ghandu jigi michud, billi:

1. Ma hux assolutament minnu li l-ammont mitlub mil-Awtorita` esponenti permezz tal-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri mhux dovut mir-rikorrenti. Proprju bil-kontra ta' dan, kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza, ir-rikorrenti hi tabilhaqq debitrici tal-Awtorita` fl-ammont indikat fl-istess ittra ufficjali u l-istess talba ghall-hlas hi gusta u misthoqqa fil-ligi.

2. Illi ssir referenza ghall-Artikolu 100(5) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta li jrid illi 'l-ispejjez kollha li ragonevolment isiru mill-kunsill Ezekuttiv fl-ezercizzju tas-setghat tieghu taht dan l-artikolu, jew kull ammont iehor dovut lill-Awtorita` skont id-dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att jew xi regolamenti

mahrugin taht l-istess Att ikunu jistghu jigi rkuprati bhala dejn civili mill-Awtorita` minghand il-persuna li f'dak iz-zmien tkun sid l-art, jew minghand l-okkupant tal-art, jew minghand persona responsabbli ghall-ghemil indikat f' xi avviz, inkluz avviz ta' hlas, jew applikant, bla hsara ghal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom minghad xi persona ohra."

3. Illi bil-hlas, in parte, li r-rikorrenti qed tghid li ddepozitat il-Qorti, hi stess qed taqbel, taccetta u tirrikonoxxi li twiegeb/ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas tal-ammont mitlub mil-Awtorita` permezz tal-ittra ufficjali in kwistjoni.

Illi ghar-raguniijet premessi, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita` intimata bhala wahda nfondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum sabiex jigi deciz;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-Rikors promotur, ir-rikorrenti prevalixxiet ruhha mill-procedura prospettata fis-subartikoli (6) u (7) tal-Artikolu 100 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 552). Dan wara li giet notifikata bl-att gudizzjarju pprezentat mill-Awtorita` tal-Ippjanar fl-20 ta' Frar 2019 u d-dikjarazzjoni guramentata

datata 18 ta' Frar 2019 annessa maghha[1], li permezz taghhom ir-rikorrenti giet interpellata thallas is-somma ta' elf erba' mija u erbgha u sittin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1,464.83) rapprezentanti bilanc minn spejjez inkorsi mill-Awtorita` tal-Ippjanar (l-Awtorita`) fl-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF366/10.

Id-dispozizzjonijiet relattivi tal-ligi li jirregolaw dan il-procediment, jipprovdu illi meta l-Awtorita` tkun trid **tirkupra dejn dovut lilha taht xi ligi jew regolament** li hija jkollha l-jedd li tenforza, l-ufficjal awtorizzat:-

(6) *... jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.*
(7) *Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.*[2]

Issa f'dan il-kaz, l-Awtorita` pprocediet biex tirkupra dejn li tikkontendi li huwa dovut lilha in linea ta' spejjez ta' ezekuzzjoni (*direct action*) tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF366/10, liema Avviz jirrizulta li gie mahrug fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti Cenmed Limited kif ukoll fil-konfront ta' "*Unknown Occupier*" fil-15 ta' Gunju 2010, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 51 u 52 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356) li kien jirregola l-procedura ta' twettiq dak iz-zmien[3]. Fil-kaz tas-socjeta` rikorrenti, dan l-Avviz gie notifikat lilha fl-24 ta' Gunju 2010[4].

---

[1] Fol. 5 u 6 u Dok. MD18.
[2] Artikolu 100 tal-Kap. 552.
[3] Dawn id-dispozizzjonijiet legali gew imhassrin ftit wara bis-sahha tal-Att X tal-2010 li dahhal fis-sehh il-Kapitolu 504 (Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp). Ara Avviz Legali 512 tal-2010.
[4] Referta Dok. MD3.

Jirrizulta illi sussegwentement ghall-hrug tal-Avviz fuq imsemmi, l-izvilupp illegali fis-sit indikat fl-Avviz kien tnehha biss parzjalment u s-sit ma giex imregga' lura kollu kif mehtieg[5]. Dan l-istat ta' fatt wassal sabiex l-Awtorita` fil-31 ta' Mejju 2011 u l-1 ta' Gunju 2011[6] nehhiet hija stess l-illegalitajiet fuq is-sit permezz tal-process ipprospettat fl-Artikolu 90 tal-Att X tal-2010 (Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp) li sadanittant kien dahal fis-sehh (Kap. 504) wara l-hrug tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF366/2010.

L-Artikolu 90 jipprovdi hekk:-

**90**(1) *Jekk xi passi jew azzjoni oħra, kompriżi s-sospensjoni, twaqqif jew ħtieġa oħra bħal dik, meħtieġa li jittieħdu b'avviż ta' twettiq ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk, l-Awtorità tista' tidħol fl-art, jew f'area tal-baħar u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmijin, inklużi l-iżmantellar jew it-tneħħija ta' xi apparat, makkinarju, għodod, beni, vetturi jew xi oġġetti oħra li jistgħu jkunu fis-sit u l-għemil ta' kull xogħol meħtieġ biex twettaq dak mitlub fl-avviż ta' twettiq u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull aġenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija għandu għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.*

Imbaghad, is-subartikolu (5) tal-istess Artikolu 90 tal-Kap. 504, jiddisponi illi:-

(5) *L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' twettiq skond dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorita' skond xi provvediment ieħor ta' dan l-Att jew xi Regolamenti li jinħarġu taħt l-istess Att, ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorità bħala dejn ċivili mill-persuna* ***li f'dak iż-żmien tkun sid l-art****, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra. ...* [emfasi tal-Qorti]

Jigi senjalat illi ghalkemm illum l-ippjanar u l-izvilupp jinsabu regolati mill-Att dwar l-Ippjanar u Zvilupp (Kap. 552) li gie fis-sehh permezz tal-Att VII tal-2016, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 ghadhom japplikaw biex

[5][5] Ara Dok. MD4, fol. 88.
[6] Ara notament Dok. MD9.

jirregolaw l-azzjonijiet li jkunu ttiehdu bis-sahha ta' dik l-istess ligi fiz-zmien relattiv. Dan huwa relevanti ghaliex skont l-Artikolu 90(5) tal-Kap. 504, l-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità *inter alia* skont xi dispożizzjoni tal-Att (Kap. 504) ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità. L-istess Artikolu huwa car meta jistipola illi **dan id-dejn jista' jigi irkuprat mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż**, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.

Effettivament, l-ammonti li gew reklamati mill-Awtorita` permezz tal-att gudizzjarju tal-20 ta' Frar 2019 huma dovuti lilha bis-sahha tal-ezekuzzjoni li saret skont l-Artikolu 90(5) tal-Kap. 504, ta' Avviz bhal dak mahrug lis-socjeta` rikorrenti.

Mill-provi jirrizulta li ma kienx sar appell mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq li gie notifikat lis-socjeta` rikorrenti, taht il-procedura li kienet fis-sehh dak iz-zmien taht il-Kapitolu 356, u dan m'huwiex kontestat mis-socjeta` rikorrenti. Lanqas jidher li hemm xi kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti dwar il-validita` tal-hrug tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq fil-konfront taghha u dwar l-ezekuzzjoni ta' dak l-Avviz permezz tad-*direct action* li ttiehdet mill-Awtorita` fil-31 ta' Mejju 2011 u l-1 ta' Gunju 2011. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti llimitat il-kontestazzjoni taghha ghall-obbligu taghha li thallas l-ispejjez marbutin mad-*direct action* biex jitnehhew l-illegalitajiet riskontrati fuq is-sit. Infatti fir-Rikors promotur, is-socjeta` rikorrenti ssostni li dejjem oggezzjonat **ghall-hlas tal-ispejjez tad-*direct action*** kif reklamati fl-*invoices* - fost ohrajn - mertu ta' dan il-procediment odjern, ghaliex tikkontendi li filwaqt li hu minnu li hija ghandha l-*utile dominium* temporanju tas-sit milqut mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, m'hijiex is-sid jew l-okkupant tas-sit ghaliex dan huwa proprjeta`

tal-Gvern ta' Malta u jinsab fil-pussess ta' diversi sub-enfitewta li huma l-okkupanti tal-art in kwistjoni.

Ikkunsidrat;

L-ammont pretiz permezz tal-att gudizzjarju kontestat permezz tal-procediment odjern, huwa ta' €1,464.83. Hu minnu li l-fattura annessa mad-dikjarazzjoni guramentata hija fis-somma ta' €2,624.90[7] rapprezentanti t-total ta' zewg fatturi datati 31 ta' Ottubru 2011[8] li nhargu in konnessjoni ma' *direct action* li ttiehdet mill-Awtorita` ghat-tnehhija tal-illegatijiet rimanenti fuq il-parti mis-sit milqut bl-Avviz ECF366/2010. Hemm qbil ukoll li fit-13 ta' Lulju 2013 is-socjeta` rikorrenti hallset l-ammont ta' €2,722.68 lill-Awtorita` bhala pagament parzjali li hija gabret minghand terzi persuni in konnessjoni ma' tliet Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq li nhargu b'rabta mal-illegalijiet fuq is-sit in kwisjtoni: ECF365/2010, ECF366/2010 u ECF367/2010[9].

Dan il-pagament jirrizulta li gie eventwalment sostitwit b'*cheque* iehor fl-istess somma mahrug fit-28 ta' Frar 2014 wara li l-Awtorita` ddecidiet li taccetta pagament parzjali tal-ammont totali reklamat. Minkejja li l-Awtorita` talbet lis-socjeta` rikorrenti li tindika jekk il-pagament kellux jigi akkreditat kontra wiehed jew iktar mill-Avvizi ECF365/2010, ECF366/2010 u ECF367/2010, ma jirrizultax li r-rikorrenti wegbitx ghal din it-talba u sussegwentement, il-hlas gie mqassam mill-Awtorita` nnifisha biex jigu akkreditati in parte d-diversi fatturi[10] mahrugin in konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-imsemmija tliet Avvizi, u dan skont kif jirrizulta mill-ittra datata 18 ta' Gunju 2014[11].

In segwitu ghal din l-akkreditazzjoni, il-bilanc tal-ammont dovut fuq l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mertu ta' dan il-kaz, cioe` ENF366/2010 wara li

[7] INV8295 mahrug fit-8 ta' Mejju 2014, fol. 105.
[8] Ara Dok. MD12 (INV6833) u MD13 (INV6837)
[9] Ara ittra 8 ta' Lulju 2013. Dok. MD14.
[10] Invoices 6833, 6834, 6835, 6836, 6837 u 6848, ilkoll mahrugin fl-istess
[11] Dok. SC11 u Dok. MD1A (fol. 114).

tnaqqset is-somma ta' €708.23 mis-somma shiha mhallsa mis-socjeta` rikorrenti, huwa fis-somma ta' €1,464.82, li l-hlas tieghu gie mitlub fl-interpellazzjoni gudizzjarja Numru 292/2019, kontestata mir-rikorrenti f'dan il-procediment.

Is-socjeta` rikorrenti tssostni li hi gabret l-imsemmija somma ta' €2,722.68 minghand diversi mill-persuni li jinsabu fil-pussess ta' porzjonijiet varji tas-sit taht titolu ta' sub-enfitewsi koncess lilhom minghand l-istess socjeta` rikorrenti. Hija tikkontendi illi huma dawn is-sub-utilisiti li effettivament jokkupaw is-sit in kwistjoni u kienu huma li wettqu l-illegatijiet milqutin mill-Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq, fosthom dak bin-numru ECF366/2010. Hija produciet lista ta' dawn il-persuni li minghandhom gabret is-sehem rispettiv tal-ispejjez tad-*direct action* u ssostni li t-talba tal-Awtorita` ghall-hlas tal-bilanc dovut fuq, *inter alia,* il-fatturi tal-ispejjez konnessi mal-ezekuzzjoni tal-Avviz ECF366/2010, ghandha tigi indirizzata fil-konfront tal-imsemmija okkupanti tal-art (*boathouse owners*). Kemm hu hekk, fir-Rikors promotur, hija ppremettiet li "… *kienet dejjem oggezzjonat ghal dawn il-kontijiet stante li hija mhijiex is-sid ta' din l-art, jew l-okkupant ta' din l-istess bicca art.*[12]" Issostni wkoll illi dawn l-ispejjez ingabru minnha u hallsithom hija stess lill-Awtorita` sabiex tiffacilita l-hlas tal-ispejjez dovuti fuq l-azzjoni mehuda fuq l-illegalitajiet, izda mhux ghaliex hija kienet qieghda tirrikonoxxi li hija d-debitrici tal-Awtorita` ghal dawn l-ispejjez jew li huma b'xi mod dovuti minnha.

Il-Qorti tosserva illi s-socjeta` rikorrenti ma kkontestatx l-ispejjez reklamati mill-Awtorita` in konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq u ma ressqitx prova li ma kienx ghad kellha xi titolu tas-sit in kwistjoni fiz-zmien meta sehh l-izvilupp illegali. Ma tikkontestax lanqas l-illegalita` tal-izvilupp milqut mill-Avviz in kwistjoni. Kemm hu hekk, ix-xhud imressaq mill-Awtorita` xehdet illi ma gie intavolat l-ebda appell mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mahrug fil-15 ta' Gunju 2010.

---

[12] Paragrafu 2 tar-Rikors.

Dan kollu, ghall-Qorti, ifisser ukoll l-ispejjez inkorsi mill-Awtorita` ghall-ezekuzzjoni tal-Avviz in dizamina, skont kif reklamati fil-fatturi INV6833 u 6837 - jew il-bilanc rimanenti wara l-hlas parzjali - huma dovuti lill-Awtorita`. Effettivament, din il-vertenza tirrizolvi ruhha fid-determinazzjoni dwar jekk l-Awtorita` ghandhiex il-jedd li tirkupra l-ammont mitlub minghand is-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in dizamina, l-Awtorita` agixxiet bl-interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tal-ispejjez dovuti in konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF366/2010, liema ezekuzzjoni saret fil-31 ta' Mejju 2011 u fl-1 ta' Gunju 2011 skont kif jirrizulta mill-fatturi INV6833 u INV6837. Dan ifisser illi meta hija pprocediet bil-procediment odjern taht l-Artikolu 100 tal-Kap. 552, hija kienet qed tagixxi ghall-irkupru ta' dejn li huwa dovut lilha taht l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 504) li kien fis-sehh meta hija wettqet l-ezekuzzjoni tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ENF366/2010 fil-31 ta' Mejju 2011 u l-1 ta' Gunju 2011.

Kif rajna, l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 jipprovdi illi l-ispejjeż kollha li raġjonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi avviż ta' twettiq skont dan il-provvediment, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt l-istess Att, ikunu jistgħu jiġu rkuprati mill-Awtorità bħala dejn ċivili mill-persuna li f'**dak iż-żmien** tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra. L-ezekuzzjoni kienet saret in forza tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq mahrug taht l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 356) liema Avviz, kif inghad, inhareg fil-15 ta' Gunju 2010 meta kien fis-sehh l-istess Kap. 356.

Skont id-definizzjoni provduta mill-Kap. 356, "*sid*" ghall-finijiet tal-istess legislazzjoni ifisser:-

*(a) persuna li jew bi dritt tagħha nnifisha jew bħala agent ta' ħaddieħor għandha dritt* ***tirċievi l-kera tal-art*** *jew, fejn l-art m'hix mikrija, kien ikollha dak id-dritt kieku kienet mikrija;*
*(b) fejn l-art hija suġġetta għal użufrutt, in-nuda proprjetà jew l-użufruttwarju;*

*(ċ)* ***l-enfitewta;***
*(d) kull wieħed mill-miżżewġin fejn l-art li dwarha jittratta l-iżvilupp tkun tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti;* [emfasi tal-Qorti]

Din hija l-istess definizzjoni li tinsab fil-Kapitolu 504 li kien fis-sehh meta twettaq id-*direct action* mertu ta' dan il-kaz, filwaqt li ghall-fini tal-Kapitolu 552, id-definizzjoni ta' "*sid*" twessghet biex tinkludi wkoll kull wiehed mill-komproprjetarji tal-art li fuqha sar l-izvilupp kif ukoll id-direttur jew diretturi tal-kumpannija debitament awtorizzat sabiex jirrappreżenta u jidher għan-nom tal-kumpannija li hija s-sid tal-art relatata mal-iżvilupp.

Minn dan huwa manifest illi "*dak iz-zmien*" li ghalih jirreferi is-subartikolu (5) tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 huwa z-zmien meta sar l-izvilupp milqut mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq liema Avviz, fil-kaz in dizamina, nhareg fil-15 ta' Gunju 2010.

Issa skont kif jirrizulta mix-xhieda bl-Affidavit ta' Sharon Cremona, is-socjeta` rikorrenti akkwistat l-*utile dominium* tas-sit li fih, skont l-istess xhud, sar l-izvilupp illegali, permezz ta' kuntratt ippubblikat fid-9 ta' Novembru 1963. Is-socjeta` rikorrenti tghid li hija kienet sussegwentement ikkoncediet partijiet mis-sit lil individwi privati u ssostni illi kienu dawn l-individwi li jokkupaw l-art fejn gie riskontrat l-izvilupp illegali, li jokkupaw is-sit in kwistjoni u li wettqu dan l-izvilupp. Madanakollu, ma jirrizultax illi s-socjeta` rikorrenti ma kienetx ghadha l-enfitewta tas-sit fiz-zmien meta twettaq l-izvilupp illegali jew meta hareg l-Avviz mertu ta' dan il-kaz: ghall-kuntrarju, il-Qorti fehmet illi hija ghadha l-enfitewta u kwindi, is-sid tal-art sal-lum, bhalma kienet ukoll fiz-zmien meta gew

inkorsi l-ispejjez hawn reklamati permezz tad-*direct action* li twettaq fuq is-sit ghat-tnehhija ta' dawk l-illegalitajiet.

Hu manifest li l-ligi taghti lill-Awtorita` s-setgha li, ghall-fini ta' irkupru tad-dejn dovut lilha, inkluz naturalment spejjez dovuti ghall-ezekuzzjoni ta' Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq, tmexxi kontra kull min jaqa' fid-definizzjoni ta' sid. **Il-fatt li hemm iktar minn persuna wahda li taqa' fid-definizzjoni ta' "sid" ma jfissirx li l-Awtorita` hija marbuta li tagixxi kontra wiehed mis-sidien u mhux kontra iehor**. M'hemmx dubju li l-utilista ta' koncessjoni enfitewtika temporanja taqa' sfiq fid-definizzjoni ta' sid. F'kull kaz, is-socjeta` rikorrenti, ghalkemm ressqet prova biex turi li hija enfitetwta, baqghet ma ressqitx l-istess prova biex turi illi l-persuni minnha indikati fil-lista annessa ma' Dok. SC6 kienu effettivament akkwistaw is-subutile dominju temporanju tas-sit in dizamina.

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti ma tirravviza l-ebda raguni ghaliex id-dejn reklamat mill-Awtorita` permezz tal-interpellazzjoni gudizzjarja bin-numru 292/2019 m'huwiex dovut jew ghala ma jistax jigi rkuprat minghand is-socjeta` rikorrenti. Ghaldaqstant, ma tistax taqbel mal-istess rikorrenti li t-talba ghall-hlas tas-somma ta' €1,464.83 maghmula bl-interpellazzjoni Numru 292/2019, hija infondata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad it-talba tar-rikorrenti fir-Rikors taghha tas-6 ta' Marzu 2019 bl-ispejjez kontra taghha.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**